# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 248 :: JANNAR, 2017



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


*Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*




*Sena Ġdida mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Jannar, 2017,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## BIOGRAPHIES OF PEOPLE

*Charles Briffa, Born in Birkirkara: A Dictionary of Famous Maltese Personalities from Birkirkara (Horizons Publications, Malta, 2016), a project of the Birkirkara Local Council*




This book is a biographical dictionary containing 171 entries, and it has as its aim the historical dignity of people as humans.

It is a book that can serve as a source of biographical information about prominent and distinguished people from Birkirkara, living and dead. These personalities are men and women who by virtue of their accomplishments and the positions they held/hold have procured notable recognition.

But it is more than just a biographical dictionary because it attempts to show the social worthiness and the (literary, academic, professional, skilled) merits and experiences of each personality's patterns of behaviour since everybody has a part to play, according to their potentialities.

The book is, therefore, the guardian of individual knowledge that is deemed worthy of reinstating. Each subject, appearing with their subjectivity as much as possible, is a human procedure, an incarnate being that needs to be exalted as a presence in our memory. And each subject is understood as a contributing factor of our culture's presence. Humanism is, thus, understood both as a historical recollection and as the construction of the subjective citizen.

In most cases, Professor Briffa attempts to explain the personalities' mental and idiosyncratic aspects of behaviour. He believes that examining their lives may lead to deeper contemplation that may yield some understanding of the powerful mental software that managed or is managing their lives.

Briffa, therefore, attempts to re-explore fleetingly the lives of these personalities to make them worth remembering.

# FAVUR KUNSILL TAL-MALTI B'SISIEN AKKADEMIĊI SODI

Stqarrija mill-istituzzjonijiet u l-għaqdiet li jaħdmu favur l-iżvilupp tal-ilsien Malti

Fl-aħħar ta' din is-sena, aħna, bħala s-sitt istituzzjonijiet u għaqdiet ewlenin li jaħdmu favur l-iżvilupp tal-Malti, nixtiequ nirringrazzjaw lill-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti tad-dedikazzjoni tagħhom u tal-ħidma professjonali li wettqu favur l-ilsien nazzjonali tagħna.

Il-ħidma tal-Kunsill kienet mifruxa fuq bosta oqsma bilgħan li tħalli l-frott tagħha fit-tul. Ngħidu aħna, flimkien mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università, il-Kunsill issa ilu ħdax-il sena jmexxi kors universitarju tal-qari tal-provi u minnu ħarġu mal-400 ruħ imħarrġin sewwa f'dan il-qasam. Barra minn hekk, il-Kunsill ħadem fuq l-iżvilupp tal-Malti f'oqsma meħtieġa, bħal fil-każ tal-kotba tal-ġeografija u t-terminoloġija fl-isport. Ħadem ukoll, fost l-oħrajn, biex ikollna sinjali bil-Malti u bl-Ingliż fit-toroq, fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija tal-Isptar Mater Dei, u fit-trasport pubbliku.

Ħafna mix-xogħol tal-Kunsill sar id f'id ma' istituzzjonijiet oħra bħall-Akkademja, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università, u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, u jirrifletti l-armonija li teżisti bejn l-organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tisħiħ tal-Malti. Il-pubblikazzjoni tad-Damma ta' Agius de Soldanis hija eżempju tajjeb ta' din il-ħidma kollaborattiva. Minbarra konsultazzjoni kontinwa mal-pubbliku, saret ukoll ħafna konsultazzjoni speċjalizzata mal-esperti mhux lingwistiċi ta' ċerti oqsma, bħall-għalliema tal-ġeografija u t-tobba.

Nirringrazzjaw lill-Kunsill ukoll tax-xogħol li sar matul dawn l-aħħar snin permezz tas-sottokumitat maħtur biex jistudja l-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti, biex il-lingwa tagħna jkollha sistema serja ta' kif tikteb il-kliem li dieħel fil-Malti mill-Ingliż. Il-Kunsill mexa b'kawtela u wera li l-istudjużi ewlenin tal-Malti kapaċi joħorġu b'soluzzjonijiet konkreti wara riċerka professjonali u konsultazzjoni kontinwa mal-pubbliku. Id-deċiżjonijiet li wasal għalihom il-Kunsill ma jirrepetux l-iżbalji li saru fl-imgħoddi, meta l-Kunsill kien għadu ma jeżistix.

L-għalliema, il-ġurnalisti, ix-xandara, il-kittieba, il-pubblikaturi, it-tradutturi, u l-poplu inġenerali issa jistgħu jserrħu rashom li fejn jidħol dan il-kliem issa għandhom quddiemhom deċiżjonijiet mibnijin fuq riċerka serja dwar il-fenomeni lingwistiċi f'Malta u l-esperjenza ta' fenomeni simili barra minn Malta, u fuq konsultazzjoni pubblika wiesgħa u fil-miftuħ.

Dawn id-deċiżjonijiet intlaqgħu tajjeb minn dawk li ħadu sehem fl-aħħar seminar pubbliku dwar dan is-suġġett organizzat mill-Kunsill. Ladarba ngħalaq il-proċess ta' konsultazzjoni, nitolbu li dawn id-deċiżjonijiet finali jiġu ppubblikati kemm jista' jkun malajr biex jitwarrbu l-inċertezzi.

Fl-istess ħin, nitolbu lill-Ministru għall-Edukazzjoni biex, kif titlob il-Liġi tal-Malti, il-Kunsill ikollu ċ-Ċentru Nazzjonali tal-Ilsien Malti, post diċenti bħalma għandhom kunsilli nazzjonali oħrajn f'oqsma differenti f'pajjiżna. L-uffiċċju tal-Kunsill irid ikollu l-professjonisti impjegati miegħu biex ikun jista' jifrex il-ħidma tiegħu.

Issa li għalaq it-terminu tal-Kunsill preżenti, inħeġġu lill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol biex jaħtar Kunsill ġdid, kif titlob il-Liġi, magħmul minn esperti tal-Ilsien Malti u minn rappreżentanti ta' oqsma li qed jaħdmu direttament fl-iżvilupp professjonali tal-Malti. Meta twaqqaf il-Kunsill tal-Malti fl-2005 b'vot unanimu fil-Parlament, din kienet l-istruttura li kien qabel fuqha kulħadd u li wriet is-siwi tagħha bil-provi.

Il-Kunsill wettaq il-ħidma tiegħu bi professjonalità u b'kolleġġjalità għax ħadem b'serjetà akkademika. Aħna nistennew li l-Ministru jara li din is-serjetà tinżamm meta jaħtar il-membri l-ġodda. Il-Kunsill il-ġdid irid ikollu maġġoranza ċara ta' esperti tal-ilsien Malti u kapijiet tal-Kumitati Tekniċi nnominati mill-istituzzjonijiet li jissemmew fil-Liġi.

Id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta
Id-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College
L-Istitut tal-Lingwistika fl-Università
L-Għaqda tal-Malti - Università
L-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi
L-Akkademja tal-Malti

## *X'nirċievi mill-Facebook...*

**Kont taf?**

Bil-Malti, il-ġurnata tibda bit-TBEXBIX, imbagħad IŻERNAQ, imbagħad JISBAĦ u jiġi FILGĦODU; jasal NOFSINHAR, u għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar ikun l-GĦASAR, tinżel ix-xemx u jiġi l-GĦABEX. Wara l-għabex tiġi l-GĦAXIJA; u meta jidlam sew ikun daħal il-LEJL.


Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

## GĦAMLU ISEM - *it-tieni fis-sensiela.... Joe Julian Farrugia*




Wara s-suċċess tal-ewwel ktieb, għadu kif ħareġ GĦAMLU ISEM, it-tieni ktieb. Erbgħin bijografija ta' aktar personaġġi Maltin u Għawdxin li għamlu isem f'xi qasam jew ieħor. Il-bijografiji li jixxandru regolarment fuq Radju Malta, fuq Campus FM tal-Università, kif ukoll fuq l-istazzjon 3ZZZ fl-Awstralja qed ikunu miġbura f'sensiela ta' kotba li minnhom sa issa ħarġu tnejn. Joe Julian Farrugia, li jagħmel ir-riċerka, jiktibhom u jxandarhom, qalilna li bħal fl-ewwel ktieb, din hija ġabra oħra ta' Maltin u Għawdxin bħalna li ħolqu parti mill-istorja ta' pajjiżna.

Il-personaġġi f'dan it-tieni ktieb huma: l-għannejja Frans Baldacchino l-Budaj u Fredu Abela l-Bamboċċu; il-poeti Rużar Briffa, Dun Karm Psaila u Ġorġ Pisani; l-isportivi Wenzu Gabarretta, Sydney Scott, Frans Xuereb in-Nagħġa, Toni Camilleri l-Kukla u Ġużi Alamango; il-kittieba Dun Frans Camilleri, Ġużè Galea, Frank Ganado u Bro. Hilary A. Clews; l-atturi Johnny Catania, Armando Urso, Lina Galea Cumbo u Lorrie Bellizzi; il-mużiċisti Lee Spiteri l-Budella, Philip Gatt, Paul Arnaud, Joseph Abela Scolaro, Charlie Ciangura u Wiġi Fiteni; l-artisti Ċensu Apap, Joseph Mary Genuis, Emanuel Borg Gauci, Vincenzo Maria Pellegrini u Esprit Barthet; ix-xandâra Mario Ascione, Patri Feliċjan Bilocca, Frank Ghio, Joan Azzopardi u Frankie Camilleri ix-showmen, Charles Saliba l-Ironman u George Gatt il-Phantom; il-kantant Charles Bajada tal-Greenfields, is-sopran Hilda Mallia Tabone; l-organizzatur Dun Ġorġ Zammit; u l-produttur tal-films Cecil Satariano.

Skont kif ikkummenta fuq it-televiżjoni l-awtur Charles Casha, dawn huma kotba li għandhom isibu post f'kull dar Maltija għaliex kull bijografija li fihom hija parti importanti mill-istorja ta' Malta u Għawdex.

*GĦAMLU ISEM it-tieni ktieb jista' jinxtara online fuq:*

https://www.midseabooks.com/publications_detail.aspx?pid=13860#.WEB_E9IrKUk

## NISMAGĦHOM JGĦIDU — *Novelli ġodda mill-Professur Joe Friggieri*




(Kite Group, 2016, 262 paġni, www.kitegroup.com.mt)

Nismagħhom jgħidu huwa l-isem ta' ġabra ta' novelli mill-pinna ta' Joe Friggieri li jżommuk fuq ix-xwiek mill-bidu sa l-aħħar u jibqgħu f'moħħok għal żmien twil wara li taqrahom.

L-istejjer ivarjaw minn rakkonti drammatiċi għal oħrajn umoristiċi. Xi wħud minnhom huma ambjentati fi bliet barranin, bħal Ateni, Ruma, Venezja, Casablanca, Barċellona, Budapest u Lisbona; oħrajn jiġru Malta llum jew fis-seħer tal-imgħoddi.

Biżżejjed tħares lejn it-titli ta' dawn l-istejjer biex taqbdek il-kurżità ħa ssir taf x'fihom. X'jiġri fil-lejl tal-ħġejjeġ? Veru kien hemm ħares fid-dar tal-ħares? X'kien sewwasew l-esperiment li rnexxa? Min kien ir-raġel li ħabbha? X'marru jagħmlu Budapest Valerie u żewġha meta għalqu seba' snin miżżewġin? X'kien fiha l-kaxxa li xtara mill-irkant l-avukat Vassallo Borg? X'jiġri meta professoressa Franċiża tintilef wara student Spanjol? Għaliex tinħasad Francesca meta żewġha l-gondolier juriha dak ir-ritratt? Ta' min kienet il-vendetta? U min kien dak li f'nofs ta' lejl u f'xita nieżla qliel jgħaddi jiġri fuq ir-rota minn quddiem l-għassa tal-pulizija?

Dawn huma xi wħud mill-mistoqsijiet li jqanqlu l-interess tal-qarrej huwa u jqalleb il-paġni ta' din il-ġabra u jistednuh ikompli jaqra sakemm isib is-soluzzjoni. L-istrateġiji tar-rakkont ivarjaw minn storja għall-oħra, u hemm ukoll element qawwi ta' sorpriża f'ħafna minnhom.

Minbarra l-firxa wiesgħa ta' karattri u ambjenti, jispikka wkoll, fi kliem il-kritiku Paul Xuereb, "id-djalogu ħaj li jfakkar lill-qarrej fid-drammi u l-kummiedji li Joe Friggieri kiteb b'suċċess għall-palk Malti."

## TONI PORTELLI COMMEMORATED




'Toni Portelli: L-Għalliem li ħabbu kulħadd' (Toni Portelli: The Teacher loved by one and all ) is the name of a new publication that commemorates and celebrates the life of Mr Anthony Portelli of Nadur, an English Language and History teacher at the Sacred Heart Minor Seminary School of Victoria, Gozo who passed away tragically on 23rd December 2015, survived by his wife Maria, and his children Matthew, Maria and Rebecca, two of whom are persons with special needs. The 48-page publication was published by Portelli Print of Nadur and features all poems, messages and letters addressed to the late Mr Portelli and/or his wife and family. The book can be obtained directly from his wife Maria (contact number: 21563691) or from the Sacred Heart Minor Seminary Secondary School (contact number: 21556479) at the price of €5 only. All proceeds will go to the Seminary School. The book contains some photos in full-colour and it is meant to be a tribute to a much loved and early missed teacher whose first anniversary from his death will take place a couple of days before Christmas. A Mass for the repose of his soul was celebrated at the Chapel of the Convent of the Franciscan Sisters of the Sacred Heart at Pjazza Dun Martin Portelli, Nadur, on Friday 23rd December at 3.30 p.m.

## IX-XAHAR TA' FRAR

Ix-xhur ġmielhom qed igerbu,
U Frar issa qiegħed magħna.
Dax-xahar hu ferm popolari
Għall-festi fil-gżejjer tagħna.

Għax f'dax-xahar San Pawl Missierna
Bla ħsieb spiċċa ġo gżiritna,
U kienet propju dil-ġrajja
Li fi Nsara dlonk bidlitna.

Xi ngħidu għall-festa l-oħra
Li tant saret kummerċjuża!
Ħafna rġiel matulha jixtru
Rigal lil tfajla gustuża.

F'dax-xahar ma tonqosx il-bluha,
Għax Frar magħruf sew għaliha.
Inżanżnu xi kostum sbejjaħ,
U għaż-żfin kulħadd jagħtiha.

Frar jiġi darba fis-sena...
Għax kiesaħ, ma fihx x'tiggosta!'
Iżda dawn il-festi kollha
Jagħmluh xahar sabiħ bil-bosta.

Charmaine Tanti
B.A. Hons (Melit.) M.A. (Melit.)

## *ITTRI LI NIRĊIEVU . . .*

Għażiż Paul, Grazzi mill-qalb tal-folju letterarju li bgħattli u prosit tal-ġid kollu li qed twettaq flimkieen ma’ sħabek b'risq il-Malti. Tislijiet,
***Charmaine Tanti (Mosta)***

Grazzi Paul, Inkun nistennih.
***Sergio Grech***

Grazzi ħafna għażiż Paul u prosit, napprezza
naqra li wkoll il-ġrajja ta’ lbiraħtlula dwar l-Malti daħlet.
Nittama li dan isibkom u lill-għeżież tajbin.
***Mario Tabone-Vassallo***

Għażiż Paul, Prosit u grazzi għall-aħħar ħarġa tal-Folju.
Insellimlek.
***Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Irċevejt il-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Awstralja li tassew baqa’ jżomm il-klassi għolja tiegħu, fis-sens li baqa’ folju ta’ tagħrif siewi u b’rapporti ta’ aħbarijiet eżatti, kif għandhom ikunu. Paul, lilek, lill-familja tiegħek, lill-istaff tal-Folju, u lil kull min hu għażiż għalik, nixtieq Milied (2016) Hieni u Sena Ġdida (2017) mimlija Saħħa, Sliem u Ġid.
B’imħabba,
***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-Folju li għoġbok tgħaddili u tal-aħbarijiet interessanti li jkun fih. Dejjem napprezzah u nifraħ aktar meta nara l-interess li hemm dwar l-ilsien Malti. Grazzi wkoll tat-tagħrif li ġibt dwar il-ktieb tiegħi ...jiena xi ħadd... Tislijiet
***Paul P. Borg***

Bonġu Paul, Grazzi ta' Il-Folju. Pubblikazzjoni li bosta jkunu qed jistennew; pubblikazzjoni rigal minn min għadu jemmen f'xogħol fejjiedi li ma jirrendix flus. Apprezzat ferm u awguri,
***Patrick Sammut***

Għażiż Paul, għadha kif ħarġet it-tieni mis-sensiela ta’ kotba GĦAMLU ISEM. Min irid jixtrieh jista’ jagħmel dan fuq: https://www.midseabooks.com/publications_detail.aspx?pid=13860#.WEB_E9IrKUk
Grazzi
***Joe Julian Farrugia***

Għażiż Paul, Grazzi mill-qalb għall-Folju mimli informazzjoni tassew utli u interessanti. Nixtiqilkom ilkoll Milied hieni, kif ukoll saħħa u sliem matul is-Sena l-Ġdida. Tislijiet,
***Prof. Rena Balzan***

Għażiż Paul, Nixtieq niżżikħajr għal kopji tal-fuljetti elettroniċi (Folju GLM u Reskeon Newsletter) li tibgħatli regolarment. Nieħu ħafna pjaċir bihom għax inħoss li jżommuni konness mal-komunità Maltija ta' Melbourne li għext fiha għal madwar 36 sena. L-informazzjoni li jkun fihom tqajjimli ħafna memorji sbieħ kull darba. Jien naf li fihom ħafna xogħol; iżda int ma taqtax qalbek! Jalla int u Salvina tibqgħu hekk. Ma nafx kif tlaħħqu ma' kollox. Inselli għalikom u għall-bosta ħbieb li ħallejna warajna.
***Albert Agius***




## Achille Mizzi
## Il-Werriet u s-Suċċessur Den ta’ Dun Karm

Andrew Sciberras, Pubblikazzjoni Horizons 2016 pġ 276

F’għadd ta’ sensi Mizzi hu l-werriet u s-suċċessur den ta’ Dun Karm; il-versi tiegħu huma sottilment, sikwit, żviluppi maturi u kisbiet tipiċi tal-poeta nazzjonali. Il-klassiċità mik-suba romantikament minn Dun Karm hi hawnhekk imġedda u adattata għal qagħdiet u ambjenti poetiċi differenti.
Oliver Friggieri
Fil-fehma ta’ ħafna, Achille Mizzi hu wieħed mill-aktar ilħna partikolari tal-poeżija moderna Maltija. U huwa wieħed mill-ftit li indirizza b’intensità u b’għarfien kbir it-temi varji li jixirfu f’xogħlijietu. Dan qed nisħqu għall-fatt li l-poeżija tiegħu hi arti awtentika għall-aħħar għax hi mixja lejn l-assolut, lejn l-immensità tal-kożmu, lejn l-ispiritwalità mitwielda fil-bniedem u dak kollu li jsawru; u m’għandhiex l-aridità ġewwiena, jew aħjar il-materjaliżmu, it-twemmin fid-dinja tas-sensi biss.
Mizzi mhuwiex dak il-poeta li jiskot u ma jistenniex tweġiba quddiem il-mistoqsijiet il-kbar tal-eżistenza. Anzi, hemm waqtiet li jmur oltre milli jistenna tweġiba. Huwa hu l-interrogatur ta’ kollox, jiġifieri tiegħu nnifsu, tal-iskoperti xjentifiċi, ta’ Ommna n-natura bil-kreaturi mikro u makro, tal-vastità tal-univers, u saħansitra t’Alla. Fl-interrogazzjonijiet tiegħu ma jridx tweġibiet frivoli; imma l-akbar kilba għalih hi li jaħkem fl-ifnad irkejjen ta’ ruħu l-essenza ta’ kull ħaġa li semmejt hawn fuq.
Andrew Sciberras
Mizzi hu poeta ta’ potenzjal kbir, li f’moħħu għandu inċiża l-mappa tal-kożmos, u tul medda mdaqqsa ta’ snin din sawwarha forsi fl-aħjar poeżiji li għandna fil-letteratura Maltija, u xogħlijietu jagħnu lil kull student u għalliem li jistudjah fil-baħar komparattiv tas-simboloġija u l-lingwa. Achille Mizzi huwa Poeta, Poeta.
Tarċisju Zarb

Bil-Kliem Żvinat Ġo Ħoġri
L-Esperjenza tal-Misteru fil-Poeżija ta’ Joe P. Galea
Andrew Sciberras

Pubblikazzjoni Horizons 2016 pġ 174

Poeta li l-kelma tiegħu
tqum mill-għatx għas-skiet.
Skiet imġarrab il-ħin kollu
bħala l-ogħla esperjenza tal-misteru.
Misteru li jifred l-eżistenza
fl-aspetti kollha tagħha
b’sens qawwi tad-divin.
Għal Galea
jidher li m’hemmx triq ’il barra
minn dan kollu, m’hemmx ħarba.
Tiegħu, hi kelma umana
msammra għal kollox
minn viżjoni li tisboqha.

# L-IŻVILUPP TAL-EDUKAZZJONI F'MALTA — 1430 -1924 *(Joseph A. Xerri)*

F'dan il-volum riċerkat b'għaqal u attenzjoni, Joseph A. Xerri jeżamina l-mixja edukattiva f'Malta mill-aspett 'politiku', kulturali, ekonomiku u soċjali.




Kif jikteb il-Profs. Borg fl-introduzzjoni tal-ktieb: "fir-rakkont ta' Xerri tispikka t-tensjoni kontinwa bejn il-mixja kajmana tal-istorja edukattiva u l-urġenza edukattiva taż-żgħir imtarraf li dejjem ħtieġlu jiġri meta ħaddieħor imrobbi fuq in-naħa l-oħra tax-xmara soċjo-ekonomika, seta jimxi bil-pass tiegħu......toħroġ ċara l-funzjoni tal-edukazzjoni bħala strument ta' poter" u l-fatt "li l-edukazzjoni tista' tjassar daqskemm teħles."

Xerri jżur it-taqtigħa bla waqfien biex jidħlu ċerti riformi, speċjalment dawk li b'xi mod kienu jmissu mal-kwistjoni tal-ilsna, fejn kienu jiżżeffnu l-ilsien Ingliż u dak Taljan.

Huwa jtemm ir-rakkont tiegħu bid-dibattiti fil-Parlament Malti dwar it-tagħlim tal-ilsna u d-dħul tal-liġi dwar l-attendenza obligatorja.

Kif qalilna l-awtur, għalkemm il-kitba attwali tal-ktieb ma tantx ħadet żmien, iżda r-riċerka biex seta' jinkiteb dan il-ktieb ħadet snin twal. Attwalment dan il-ktieb huwa riżultat ta' tfittix li huwa beda sa minn żgħożitu meta kien iqalleb fil-ġurnali, f'rapporti uffiċjali tal-Gvern, fosthom ta' dibattiti fil-Kunsill tal-Gvern u tal-Parlament Malti, rapporti dwar l-edukazzjoni, korrispondenza bejn il-Gvernaturi u l-uffiċju tal-Kolonji Ingliż u diversi dokumenti oħra. Sintendi il-kotba dwar l-istorja ta' Malta, speċjalment dawk b'referenza għall-edukazzjoni, u teżijiet ta' studenti dwar l-istess suġġett, kienu ta' għajnuna kbira fil-kitba ta' dan il-ktieb.

Meta mistoqsi x'wasslu biex ħareġ din il-publikazzjoni, Xerri qalilna li għalkemm huwa ilu jippublika artikli u jikteb scripts għat-televiżjoni u r-radju dwar l-istorja tal-edukazzjoni, tal-iżvillup politiku tal-gżejjer u tal-Istorja tal-knisja, ħass li kellu jaqsam mal-pubbliku, ir-riċerka tiegħu dwar l-istorja tal-edukazzjoni, materja li hija għall-qalbu ħafna billi qatta' għomru jaħdem fis-settur tal-edukazzjoni.

***L-Awtur:***

Joseph A. Xerri twieled fir-Rabat, Għawdex fl-1939. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo ta' Għawdex, il-Kulleġġ tat-Taħriġ tal-Għalliema u l-Università ta' Malta fejn kiseb il-Masters fl-Edukazzjoni. Beda l-karriera tiegħu bħala għalliem biex finalment ingħata l-kariga ta' Assistent Direttur tal-Edukazzjoni. Serva għal numru ta' snin bħala Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi fil-Ministru tal-Edukazzjoni. Kien Visiting Lecturer fil-Fakultà tal-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta.

Awtur ta' diversi serje dwar l-istorja politika, tal-edukazzjoni u tal-knisja fil-ġurnali u l-mezzi tax-xandir lokali u barranin. Għal snin twal korrispondent għal Għawdex tal-Orizzont. Għal ħamsin sena kien il-korrispondent tal-ġurnal tal-Maltin fl-Awstralja, The Maltese Herald.

***Il-ktieb***

Il-ktieb fih aktar minn 600 paġna, b'għadd konsiderevoli ta' ritratti. Il-ktieb hu llegat b'qoxra iebsa (hardbound). Ir-ritratt tal-qoxra tal-ktieb juri pittura tal-merħba li kienet ingħatat il-Kummissjoni Rjali tal-1836. Kien wara rapport ta' din il-Kummissjoni li infetħu għadd ta' skejjel primarji mill-awtoritajiet ta' dak iż-żmien. Il-prezz tal-ktieb huwa ta' €20, prezz tassew raġjonevoli. Jista jinkiseb mil-librara ewlenin f'Malta. Għal dawk li jgħixu barra dan jista jinkiseb mingħand www.bdlbooks.com,

għal dawk li joqogħdu l-Awstralja jistgħu jordnawh mingħand:Mark Bonello - <mabonello@bigpond.com>

Fil-laqgħa tal-25 ta' Novembru il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kellhom il-Laqgħa Ġenerali Annwali fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Numru mhux ħażin ta' membri attendew. Kienet sena ta' elezzjoni għall-kumitat ġdid għalkemm il-kumitat spiċċa l-istess kif kien. Wara saret bibita fejn il-membri kellhom xi ħaġa tal-ikel bħal pastizzi u kejkijiet u tazza nbid ħamra jew bajda ma naqsitx. Nawguraw lill-kumitat għal sena oħra ta' ħidma b'risq l-Ilsien Malti.





**Il-kumitat, fuq wara, mix-xellug għal-lemin: Paul Vella (PRO), Dr Victor Sammut (President), Ray Anastasi (Teżorier). Quddiem, Rosemary Attard (Segretarja), Marie Louise Anastasi (Viċi President), Salvina Vella (Segretarja Attivitajiet Soċjali)**

# IL-KULUR TAL-LELLUX — *Rita Saliba*




Kieku setgħet, Amber kienet terġa' tisħajjel triq kollha fjuri tal-lellux. Kienet logħba bejnha u bejn il-mamà biex jaħarbu ftit mill-ħamba tal-fletts fejn kienu joqogħdu. Dakinhar li l-mamà qatgħet l-aħħar petala, Amber fehmet li żmien il-logħob kien spiċċa u li issa kienet għalkollox waħedha.
Amber ma setgħetx tibqa' toqgħod ma' Rose tal-flett ta' taħthom. Meta bdiet tgħix mal-familja taz-ziju Patrick xtaqet terġa' taħrab lejn dik l-għalqa tal-lellux. Minflok, l-istħajjil ilaqqagħha ma' Elizabeth li tkun għaddejja minn esperjenza simili ... iżda xi snin qabel!




# IL-QTIL TA' PATRI VIĊENŻ GRIMANI

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2017, bejn is-6.00pm u t-8.00pm, se jsir seminar pubbliku dwar "Il-Qtil ta' Patri Viċenz Grimani," bis-sehem ta' erba' akkademiċi ewlenin, għannej, u żewġ kitarristi. Dan is-seminar huwa miftuħ għall-pubbliku inġenerali u se jsir fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq. Din il-Librerija tinsab fit-tieni sular tal-bini tal-Arti (Old Humanities), wara t-teatru Temi Zammit. Id-dħul huwa b'xejn u fl-aħħar se jkun hemm bibita.
Dan is-seminar jistħarreġ ir-relazzjoni bejn il-qtil brutali ta' Patri Viċenz Grimani fl-1738 u l-fatt bil-Malti li beda jitgħanna fil-jiem ta' wara. Fuq il-bażi tal-ktieb storiku-narrattiv Min Qatel il-Patri?, ippubblikat mill-Klabb Kotba Maltin, l-awturi Marlene Mifsud Chircop u Mark Montebello jiddiskutu l-kuntest letterarju, storiku u kulturali ta' din ir-relazzjoni. Il-kelliema jiddiskutu wkoll x'kien aktarx wassal għall-qtil, x'ġara wara u, fil-kuntest tal-istudji storjografiċi, għala l-ġrajja għadha tista' tibqa' interessanti għalina llum.
Fis-seminar jieħdu sehem ukoll mill-Università ta' Malta Dr Bernard Micallef, il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, u l-Prof. Carmel Cassar, mill-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura. Matul is-seminar, dan il-fatt se jitgħanna mill-għannej Kalċidon Vella, id-Danny, akkumpanjat mill-prim kitarrist Ronnie Calleja, ir-Ronnie, u kitarrist sekond.
Marlene Mifsud Chircop, mill-Mosta, hija riċerkatriċi tal-folklor Malti, għalliema u traduttriċi. Studjat fl-Università ta' Malta u ħadmet taħt il-gwida tal-folklorista Ġużè Cassar Pullicino u ta' żewġha, il-folklorista antropoloġiku Ġorġ Mifsud Chircop. Hija ppreżentat dokumentarji kulturali għat-televixin u ħadet sehem f'diversi programmi tar-radju. Ħadet sehem ukoll f'attivitajiet kulturali f'Malta u barra bħala narratriċi u interpretatriċi. Ippreżentat għadd ta' studji fuq il-folklor u l-għana Malti f'konferenzi f'Malta u barra u ħadet ħsieb il-parteċipazzjoni tal-għannejja u tan-narraturi f'attivitajiet kulturali lokali u barranin. Fl-2014, flimkien ma' oħrajn, organizzat f'Malta attività kulturali 'Grimani, min qatlu?'għal Science in the City.
Mark Montebello, minn Tas-Sliema, huwa riċerkatur u għalliem. Huwa patri Dumnikan u saċerdot. Studja l-filosofija f'Malta, l-Italja u Spanja, u jgħallimha fl-Università ta' Malta u f'istituzzjonijiet oħra ta' tagħlim avvanzat. Flimkien ma' oħrajn, fl-2012 waqqaf il-fondazzjoni Philosophy Sharing, li taħdem f'Malta u Għawdex. Għamel ħafna snin ta' ħidma soċjali fil-Kottonera, fil-ħabs ta' Kordin u mal-vittmi tal-kriminalità. Huwa l-awtur ta' madwar tletin ktieb, l-aktar ta' natura filosofika u kritika. Huwa pijunier tal-istudju tat-tradizzjoni filosofika Maltija, li fuqha ppubblika diversi kitbiet u għallimha fl-Università ta' Malta. Ippubblika wkoll studji storiċi xjentifiċi, fosthom xogħlijiet fuq ir-riformatur soċjali Manwel Dimech.
Bernard Micallef, attwalment il-kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, jgħallem il-letteratura Maltija, u t-teorija u l-kritika letterarja, u jmexxi teżijiet fil-livelli kollha. Mir-riċerka tiegħu fuq l-eżistenzjaliżmu fil-poeżija ta' Philip Sciberras fil-livell ta' MA, baqa' jispeċjalizza fl-ermenewtika u l-kritika tar-rispons tal-qarrejja. Ippreżenta studji fuq awturi Maltin u barranin f'għadd ta' konferenzi barra minn Malta, fosthom tliet konferenzi fl-Università ta' Harvard bħala mistieden tal-World Phenomenology Institute. Dawn it-taħditiet ġew ippubblikati fis-sensiela Analecta Husserliana (Springer). Micallef ippreżenta studji oħra f'konferenzi Ewropej, li ġew ippubblikati f'rivisti ewlenin.fosthom studju fuq il-ħassieb Hans-Georg Gadamer. Micallef kiteb l-introduzzjoni għal ġabriet ta' poeżiji ta' Maria Grech Ganado u ta' Philip Sciberras.

# FORUM DWAR IL-KANZUNETTA MALTIJA BL-ILSIEN MALTI



Forum dwar il-kanzunetta Maltija bl-Ilsien Malti li ser isir is-Sibt 14 u 21 ta' Jannar fis-Sala ta' Project House, il-Furjana. Din l-attività ser issir biex flimkien nagħtu spinta 'l quddiem lill-kanzunetta Maltija. Jekk trid tattendi bbukkja hawn www.ghanjafest.com/forum fejn issib wkoll il-programm kollu.

L-awturi, kompożituri, kantanti, gruppi mużikali, preżentaturi tal-kanzunetta Maltija, disk-jockeys, organizzaturi, ġurnalisti u persuni oħra interessati fil-kanzunetta Maltija huma mistiedna jattendu għal Forum dwar il-Kanzunetta Maltija bl-Ilsien Malti, organizzat mill-Kumitat tal-Għanja tal-Poplu.

Il-forum se jlaqqa' flimkien lil kull min hu interessat fil-kanzunetta Maltija, u għalhekk għandu jkun okkażjoni tajba biex nisimgħu l-ideat u l-esperjenzi ta' professjonisti u persuni intiżi fil-qasam tal-kanzunetta, u nħalltu u naqsmu magħhom l-esperjenzi tagħna biex nagħmlu pass 'il quddiem.

Kemm jista' jkun, l-ideat se jkunu mqiegħda fil-prattika u b'referenza għal kompożizzjonijiet magħrufa. Il-Forum se jsir f'żewġ Sibtijiet: fl-14 u fil-21 ta' Jannar 2017, fi Project House, Belt is-Sebħ, il-Furjana. (Ara pjanta mehmuża. Il-post aċċessibbli kemm b'tal-linja kif wkoll bil-karozza).

Jekk l-awtur, il-kompożitur u l-kantant ta' kanzunetta li se tiddaħħal għall-festival L-Għanja tal-Poplu (jew mill-inqas tnejn minnhom) ikunu attendew iż-żewġ laqgħat ta' dan il-Forum, jingħatalhom rimbors ta'40% (li jiġi €20) mill-ħlas tal-applikazzjoni. Din l-attivita' hija kollha mingħajr ħlas. L-attendenza trid tkun ikkonfermata minn qabel. Għal aktar dettalji idħol fis-sit www.ghanjafest.com/forum. (Ikun hemm refreshments, għaldaqstant tajjeb tibbukja qabel biex inkunu nafu kemm ser jattendu persuni).

Il-kelliema prinċipali se jkunu Manwel Mifsud, Joe Friggieri u Corazon Mizzi,u jmexxi d-diskussjonijiet Vince Fabri. Fost kelliema oħra ser ikun hemm Walter Micallef, Alfred C.Sant, Mario Vella (Brikkuni), Paul Ellul, Philip Vella, Rita Pace, Andrew Vella (The Travellers), Alex Vella Gregory, Daniel Cauchi (Big Band Brothers) u Noel D'Anastas.

Tisliijiet u s-sena t-tajba mill-Kumitat L-Għanja tal-Poplu

Din l-attivita' hija organizzata mill-Għanja tal-Poplu bil-għajnuna tal-Cultural Partnership Agreement bejn L-Għanja tal-Poplu u l-Kunsill Malti għall-Arti.